MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Avviz Numru. 373/2010

**Matthew Galea**

**Vs**

**L-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta (Transport Malta)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta:

1. Illi huwa ircieva ittra ufficjali fejn l-intimat ippretenda ta’ xejn Eur349.40 relattivi ghal vettura LAL-476.
2. Illi di fatti l-esponenti m’hu obbligat ihallas xejn stante li l-karozzi li huwa kellu jigifieri Peugeot, Lada u Escort gew jew mibjugha u jew inkella l-pjanci inghataw id-depot ghall-iscrapp. Dan kollu sar iktar minn seba’ snin ilu;

3. Illi minn seba’ snin ilu ‘l hawn huwa ma kellu ebda karozza ghajr FIAT UNO li jhallas il-licenzja taghha rigorozament;
4. Illi l-argument principali huwa li kull talba ghal hlas min-naha ta’ l-intimat hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Talab bir-rispett, illi din il-Qorti, wara li tiddikjara li l-ebda flus m’huma dovuti lill-intimata mill-esponenti, joghgobha tikkundanna lill-intimata ghas-silenzju perpetwu.

Rat id-dokument anness mal-atti a fol 4 u fol 5.

Rat id-digriet Taghha preliminari moghti fil-11 ta’ Ottubru 2010 (fol 6 ibid).

Rat ir-risposta tal-Awtorita’ intiamta (fol 12 u fol 13 ibid) u li biha esponiet bir-risptt:

1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti rrid jipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnu fir-rikors tieghu.
2. Illi l-allegazzjonijiet maghmula mir-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Mill-file relattiv ta’ l-Awtorita’ intimata, jirrizulta li r-rikorrenti ghandu jaghti lill-istess Awtorita’ l-ammont rikjest.

Ghaldaqstant l-Awtorita intimata titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex in vista tal-premess u ghal ragunijiet ohra li jistghu jingiebu quddiemha, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>r-rikorrenti</u>, in sostenn ta’ dak premess fir-rikors in esami xehed (fol 16 u fol 19 et seq ibid) illi l-vettura tal-marka ‘Peugeot’ 205’ kien biegha lil terza persuna dik tal-marka ‘Lada’ kien biegha ukoll lil xi hadd waqt li ohra tal-marka ‘Ford Escrot’ kien partatha. Sussegwentemnt kien ikkorrega ruhu billi qal li dik tal-marka ‘Lada’ kien filfatt giet ‘scrapped’ w il-pjanci konsenjati lil-Pulizija. Dwar il-vettura bin-numru <u>LAL 476</u> li effettivament kif jidher a fol 2 ibid, hi

dik involuta f’dan il-kaz, hu sostna li din kienet giet ‘scrapped’ u l-pjanci nghataw minnu lill-istess Awtorita. Avolja dwar dan, hu qal li kien inghata ‘karta’, din tilifha u ghalhekk ma kellu ebda dokument in sostenn ta’ dak li xehed. Hu zied illi kien gie mitlub jhallas Lm20 meta mar sabiex jikkonsenja l-pjanci izda dan ma setax jhallashom izda xorta wahda, kien tahom dejjem lill-istess Awtorita.

Ikkunsidrat

Illi Brian M Farrugia (fol 21 et seq ibid) beda billi qal illi l-vettura in kwistjoni hi tal-marka ‘Lada Samara’ u hi registrata fuq Matthew Galea (karta tal-identita numru 106171(M). Ix-xhud spjega illi, fil-11 ta’ April 2007, l-Awtorita’ kien irceviet ittra minghand Membru Parlamentari ma’ liema ittra kien hemm ohra minghand Matthew Galea.

In risposta, l-Awtorita kienet informat lil dawn il-persuni illi, fuq il-vettura in kwistjoni, kien hemm fl-2007 ‘… pendenzi ta’ licenzja ammontanti ghal 145 Liri Maltin’ kif ukoll pendenzi ohrajn, dejjem fuq il-licenzja tal-vetturi l-ohrajn. L-awtorita’ kienet tat koncessjoni lil Matthew Galea sabiex jhallas dawn il-pendenzi b’rati ta’ Lm30 fix-xahar izda’ wara dan ma smajna xejn aktar’.

Inoltre, l-pjanci ma kienux gew ritornati, l-formola relattiva qatt ma kienet giet sottomessa u lanqas ma kien gie konsenjat il-‘log book’ relattiv ghall-istess vettura meta tinghata ircevuta. Dwar dawn id-dokumenti, ma kien hemm l-ebda wiehed minnhom fil-‘file’.

Ikkunsidrat

Illi minn dak premess, jidher evidenti illi dak li qed jallega r-rikorrenti bl-ebda mod ma gie pruvat minnu. Anzi jidher li l-istess rikorrenti ma segwiex dak impost mill-ligi meta jsir trasferiment ta’ vettura jew meta vettura tigi’scrapped’.

Konsegwentement, it-talbiet in esami ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet kif dedotti mill-istess rikors bl-ispejjes kollha jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------